MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1172/1990/1

**Joseph Borg f'ismu proprju u kif ukoll bhala Direttur tas-Socjeta' Kummercjali Marks and Charles Limited u ghan-nom u fl-interess tal-istess socjeta'; kif ukoll ghan-nom u bhala mandatarju ta' ibnu l-assenti Eugenio sive Gino Borg u Moira Borg – ghal kull interess li jista' jkollhom fil-ligi dawn l-ahhar tnejn**

**-vs-**

**Pio Camilleri f'ismu proprju u fil-kwalita' tieghu bhala Direttur u ghan-nom u in rapprezentenza tas-Socjetajiet Kummercjali P. & J.C. Limited, TGR Limited, Luqa Developments Company Limited, Terry Limited u b'digriet tad-9 ta' Mejju 2006 giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens li l-istess Pio Camilleri gie sostitwit bl-Avukat Dr Peter Fenech bhala Amministratur Provisorju ghan-nom ta' Terry Limited, u flimkien ma' Pio Camilleri fil-kwalita' tieghu msemmija, George Xuereb bhala direttur, ghan-nom u in rappresentanza ta' Luxury Houses Development Company Limited, u Victor Balzan f'ismu proprju u Ivan Balzan, it-tnejn diretturi u ghan-nom u in**

**rappresentanza tas-Socjeta' Kummercjali V.B. & Sons Co. Ltd., u l-istess Victor Balzan f'ismu proprju u Norman Buckle bhala diretturi u ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjetajiet Kummecjali B & B Property Development Co. Ltd., Paola Development Company LImited, University Heights Limited, J and V Finance and Investment Company Limited**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Joseph Borg proprio et nomine a fol. 442 tal-process;

Rat ir-risposta tal-konvenut Victor Balzan a fol. 544 tal-process;

Semghet lill-Avukati difensuri.

## Ikkunsidrat:

Illi dan huwa provvediment fuq ir-rikors intavolat mill-attur proprio et noe fis-7 ta' Novembru 2008 fejn qieghed jitlob li l-konvenut Pio Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' Terry Limited jigi sostitwit bl-isem ta' Joseph Pace ghan-nom u in rapprezentanza ta' Terry Limited.

Illi l-konvenut Victor Balzan oppona ghal tali sostituzzjoni stante li skond hu tali talba hija guridikament u proceduralment inammissibbli.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghad-digriet taghha tad-9 ta' Mejju 2006[1] fejn kienet ordnat il-korrezzjoni fl-atti fis-sens illi kull fejn jirrizulta u jirrikorri l-isem ta' Pio Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' Terry Limited jigi sostitwit bl-isem ta' l-Avv. Dr.Peter Fenech bhala Amministratur Provvisorju ghan-nom ta' Terry Limited.

---

[1] a fol. 395.

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghad-digriet taghha tat-28 ta' Marzu 2008[2] fejn ghar-ragunijiet hemm spjegati gie deciz li Dr. Peter Fenech m'ghadux jirrapprezenta lil Terry Limited fil-kawza odjerna.

Illi ghaldaqstant inholoq *vacuum* dwar min ghandu jirrapprezenta l-istess socjeta` f'dawn il-proceduri.

F'dan l-istadju dina l-Qorti, bla pregudizzju ghal dak li hemm provvdut fl-artikolu 181A tal-Kap. 12, hi tal-fehma li ma tistax tilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors ta' l-attur proprio et noe tas-7 ta' Novembru 2008 stante li Pio Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' Terry Limited bhala konvenut m'ghadux jidher fl-okkju ta' l-istess kawza stante s-sostituzzjoni tieghu b'Dr. Peter Fenech permezz tad-digriet tad-9 ta' Mejju 2006 u li eventwalment gie estromess permezz tad-digriet tat-28 ta' Marzu 2008.

Ghaldaqstant is-sostituzzjoni kif rikjesta permezz tar-rikors odjern mhix possibbli.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi dina l-Qorti tichad it-talba tal-attur proprio et nomine u tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-21 ta' Mejju 2009 fil-11.00am quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] a fol. 439.